16 ta' Jannar, 1953.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Maria Stella Balzan pr. et ne. *versus* Carmelo Borg

**Terminu — Dekadenza — "Jus Superveniens".**

*It-teorija tal-"Jus Superveniens" hija applikabili meta l-obligazzjoni li tkun il-bażi ta' l-azzjoni tkun sospiża b'kondizzjoni jew terminu, u din il-kondizzjoni tavvera ruħha, jekk it-terminu jagħlaq waqt il-kawża.*

*Konsegwentement, meta si tratta ta' dejn li għandu jitħallas b'rati determinati, bil-patt tad-dekadenza fil-każ ta' morożità fil-ħlas ta' xi rati, u tiġi esperita azzjoni għad-dekadenza tad-debitur mit-terminu fuq il-motiv li d-debitur naqas mill-ħlas tar-rati, l-azzjoni ma hix sostenibili jekk meta saret iċ-ċitazzjoni dik id-dekadenza tkun għadha ma avveratx ruħha; u ma tistax tiġi pronunzjata dik id-dekadenza bis-saħħa tat-teorija tal-"Jus Superveniens", billi l-morożità tavvera ruħha waqt il-kawża; speċjalment jekk il-kreditur ikun ħa xi atti kawtelatorji kontra d-debitur, u dan minħabba dawk l-atti, isib ruħu fil-pożizzjoni li ma jistax iħallas ir-rati li jiskadu.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi ppre-

mettew li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza ta' l-24 ta' April 1951 (dok. A) il-konvenut, bħala delegat ta' ibnu Annetto Borg, obliga ruħu li jħallas lill-eredi ta' Costantino Balzan is-somma ta' £2050 għas-saldu tas-somma ta' £2500, li fiha l-istess Annetto Borg kien ikkostitwixxa ruħu debitur ċert u likwidu versu l-imsemmi Costantino Balzan fl-atti tan-Nutar Dr. John Tabone Adami tat-12 ta' Settembru 1947 (dok. B); u bil-kuntratt fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza l-istess konvenut Carmelo Borg assuma l-obligazzjonijiet kollha naxxenti kontra Annetto Borg a favur ta' l-eredi ta' Costantino Balzan mill-imsemmi kuntratt publikat minn Nutar Tabone Adami fit-12 ta' Settembru 1947 u mir-relativa inskrizzjoni ipotekarja; skond liema kuntratt l-imsemmi Annetto Borg kien obliga ruħu li jirrestitwixxi l-imsemmija somma ta' £2500, flimkien ma' l-interessi skalari tas-6% fis-sena, li kellhom jibdew jgħaddu mill-1 ta' Ottubru 1947, b'rati mensili ta' mhux anqas minn £18 il-waħda, u l-ewwel pagament kellu jsir fl-1 ta' Ottubru ta' l-istess sena 1947, bil-kondizzjoni li, kemm il-darba l-imsemmi Annetto Borg jibqa' lura fil-pagament ta' tliet rati mensili, anki mhux konsekutivi, jew f'ammont ekwivalenti għal tliet rati, l-istess Balzan ikollu d-dritt li jaġixxi immedjatament għar-restituzzjoni tal-kapital u interessi, jew tal-bilanċ, u f'dan il-każ l-istess Annetto Borg jitqies li jkun irrinunzja għad-dilazzjoni fuq mogħtija; li l-konvenut Carmelo Borg, bħala ċessjonarju ta' Annetto Borg, naqas mill-kondizzjoni fuq stipulata, kif jidher mill-prospett anness maċ-ċitazzjoni (dok. C), u fl-1 ta' Marzu kellu jagħti s-somma ta' £1852 kapital, u s-somma ta' £328. 14. 5 ta' l-imgħax, b'kollox is-somma ta' £2180. 14. 5; u li l-konvenut dan l-aħħar żmien naqqas il-kawteli u l-garanziji tiegħu għar-restituzzjoni ta' dan il-kreditu; u talbu li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u previja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu lilu mogħti minħabba li baqa' lura fil-pagament tar-rati mensili stipulati fl-imsemmi kuntratt, u d-dikjarazzjoni li l-istess konvenut iddekada wkoll mill-istess benefiċċju għaliex naqqas il-kawteli għall-ħlas tal-kreditu u biddel l-istat finanzjarju tiegħu, skond l-art. 1122 tal-Kodiċi Ċivili, l-istess konvenut jiġi

kundannat iħallashom is-somma ta' £2180. 14. 5 dovuta lilhom għar-raġunijiet fuq imsemmia sal-1 ta' Marzu 1953. Salvi l-imgħaxijiet kollha skaduti sal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat tal-qbid tat-22 ta' April 1952, kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Ġunju 1952, li biha ċaħdet it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat:

Illi l-atturi rriuunzjaw għat-talba in kwantu bażata fuq il-kambjament ta' l-istat tal-konvenut...........;

Illi għalhekk it-talba tibqa' bażata fuq il-morożità.........;

Illi l-kontendenti jaqblu li r-rati li kellhom jitħallsu sal-jum li fih ġie preżentat l-att taċ-ċitazzjoni ammontaw għal £990 (verbal fuq imsemmi);

Illi l-attriċi tammetti li sa dak inhar kienet irċeviet is-somma ta' £954 (l-istess verbal);

Illi l-konvenut jippretendi li qabel iċ-ċitazzjoni hu, per mezz ta' martu, offra lill-attriċi £36, imma dina ma rieditx tirċevihom (l-istess verbal). Dina l-pretensjoni tiegħu hija mwettqa...........;

Illi meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni l-konvenut ma kienx moruż fil-ħlas ta' somma ekwivalenti għal tliet rati, anki jekk ma jittieħdux in konsiderazzjoni l-imsemmija £36, billi tliet rati jammontaw għal £54, u l-konvenut allura f'dak il-każ kien ikollu jagħti biss ta' żewġ rati, ammontanti għal £36, billi l-attriċi ammettiet li rċeviet £954 u s-somma dovuta kienet ta' £990;

Illi, kunsidrati s-£36 li l-konvenut offra, u li ma ġewx riċevuti, u ma hemmx raġuni l-għaliex ma jiġux kunsidrati skond il-provi, anki f'każ ta' dubju, trattandosi ta' pena, kif hija dik tad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu, lanqas il-lum il-konvenut ma jista' jiġi ritenut moruż fil-ħlas ta' tliet rati; u meta saret iċ-ċitazzjoni ma kienx lura fl-ebda sold;

Rat fol. 29 in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi;

Rat fol. 30 il-petizzjoni tagħha, li fiha talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u li tiġi milqugħa d-domanda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Illi għandu jingħad qabel xejn li t-talba hija bażata unikament fuq il-pretiża morożità fil-ħlas ta' tliet rati..........;

Illi fil-verbal fol. 16 ġie inkorporat dak li hu qrmaj rikonoxxut fil-ġurisprudenza nostrali, ċjoè l-kważi-kuntratt ġudizzjali; inkwantokkè l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li r-rati li kellhom jitħallsu sal-jum li fih ġie preżentat l-att taċ-ċitazzjoni kienu jammontaw għal £990, u li sa dak inhar l-atturi rċevew £954;

Issa, il-morożità kontemplata fl-att tal-kostituzzjoni taddebitu, eżibit fl-inkartament, u li fuqha bbażaw it-talba tagħhom l-atturi, hi dik ta' tliet rati ta' £18 il-waħda, ċjoè £54, u hu ovvju għalhekk li, fil-waqt tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, il-konvenut kien lura biss fis-somma ta' £36, ċjoè fl-ammont ta' żewġ rati biss (anki apparti l-kwistjoni ta' l-offerta ta' £36 qabel il-proċeduri);

L-atturi appellanti jippretendu li l-morożità fl-ammont stipulat immaturat ruħha "pendente lite" fil-prima istanza, u invokaw it-teorija tal-"Jus Superveniens". Iżda dik it-teorija ma hix applikabili f'dan il-każ. Infatti dik it-teorija ġiet applikata mill-Qrati Tagħna, fuq l-insenjament tal-Voet, "Ad Pandectas", Lib. 5, Tit. L, no. 27, meta l-obligazzjoni li tkun bażi ta' l-azzjoni tkun sospiża b'kondizzjoni jew terminu, u din il-kondizzjoni tivverifika ruħha, jew it-terminu jagħlaq, waqt il-kawża (ara Appell "Felice vs. Grech", 20 ta' Jannar 1873, Vol. VI, p. 389). Vwoldiri, ikun każ sempliċi ta' kondizzjoni li tivverifika ruħha, jew ta' terminu li jagħlaq, mingħajr ma jkun hemm kuntrast, fil-pendenza tal-kawża. Hekk, per eżempju, kien il-każ fil-kawża ċitata mill-atturi, "Pulo vs. Zaffarese", Prim'Awla 29 ta' Ottubru 1920, Vol. XXIV—II—281, li fiha l-attur kien azzjona l-konvenut għall-iżgumbrament minn fond; il-konvenut eċċepixxa li kien għadu qed jiddekorri t-terminu tal-lokazzjoni, u dan it-terminu għalaq, bla kuntrast, in pendenza tal-kawża. Il-każ preżenti hu divers. Il-kwistjoni, impostata biċ-ċitazzjoni preżenti mal-preżentata tagħha, ma kienetx sempliċement ta' skadenza jew le ta' terminu merament sospensiv, bħal ex. gr. mutwi restitwibili fi żmien erba' snin, u l-attur aġixxa

xahar qabel u t-terminu għalaq waqt il-kawża; imma l-kwistjoni kienet jekk il-konvenut kienx inkorra fil-morożità kif stipulata fl-att, u kienx, għalhekk, inkorra fid-dekadenza stabilita bħala piena, u sar għalhekk responsabili għall-ħlas tal-kreditu f'salt — kwistjoni li kienet strettament marbuta mal-mument stess tal-preżentata taċ-ċitazzjoni (ara wkoll, għall-limitazzjoni tat-teorija tal-"jus superveniens", P.A. Sowrey vs. Cutajar", Vol. XXIX—II—405);

Kien ikun ukoll inġust illi titqies il-morożità eventwali wara li jsiru attijiet kawtelatorji u proċeduri oħra; għaliex kieku kellu jiġi ammess dan, kien jista' allura jiġri li kreditur, biex jipprovoka l-morożità tad-debitur u d-dekadenza mit-terminu, jagħmillu kawża qabel ma jkun hemm il-morożità, u mbagħad, b'mandati eċċ., iqiegħdu f'pożizzjoni li dana ma jkunx jista' jkompli mal-ħlas rateali tad-debitu;

Infatti f'dan il-każ, appuntu hekk jidher li ġara; għax id-difensur tal-konvenut spjega li l-konvenut ma għamelx pagamenti oħra għax bl-attijiet tal-Qorti, provokati mill-istess atturi, ġiet miżmuma x-char-a-banc li mill-proventi tagħha kienu jistgħu jitħallsu r-rati;

Apparti dan, lanqas fil-waqt tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti (u s'intendi din il-Qorti qiegħda tirrivedi dik id-deċiżjoni skond l-istat ta' fatt fil-waqt tagħha) ma kienx hemm il-morożità stipulata; għaliex il-provi juru, kif irriteniet anki l-Ewwel Qorti, illi l-konvenut offra £36, ammont ta' żewġ rati, lill-ewwel atturi, din irrifjutat li tirċevihom bla raġuni — naturalment biex ikun hemm il-morożità. Id-difensur ta' l-atturi ikkommenta li dawn il-flus ma ġewx depożitati; iżda hawn mhux il-każ li wieħed jara jekk sarx pagament f'sens legali bid-depożitu, imma l-veru aspett ġuridiku hu li d-dekadenza hemm bżonn li tkun minħabba l-fatt tad-debitur (ara, per analoġija, art. 1122 Kap. 23, u komment tal-Giorgi, Teor. Obbligaz. Vol. IV, para. 414), u mhux provokata mill-istess kreditur; anki għar-raġuni li l-kreditur ma jistax japprofitta ruħu minn għemilu stess — "nemo ex dolo suo pro-

prio relevetur, aut auxilium capiat" (Jur. Civ.);

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; *bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi*.